MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2013

Avviz Numru. 297/2011

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Mario Camenzuli u Juliette Camenzuli**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-HSBC Bank Malta p.l.c. fis-7 ta' Settembru 2011, permezz ta' liema jitlob li prevja kull dikjarazzjoni u provvediment opportun, il-Qorti tawtorizzah jghaddi ghall-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv nascenti mill-kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 6 ta' Awwissu 1993, stante li ghaddew izjed minn tlett (3) snin mid-data ta' l-istess kuntratt u d-dejn dovut minn Mario Camenzuli u Juliette Camenzuli ghadu mhux kollu saldat, u dan ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta minn fejn jirrizulta li *r-rikorrent ghandu 'jikkonferma bil-gurament x-xorta tad-dejn … li jkun l-ezekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut'*;

Rat il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 6 ta’ Awwissu 1993 markat Dok. “HSBCI” anness mar-Rikors promotur;

Rat li Mario Camenzuli u Juliette Camenzuli gew notifikati bir-Rikors promotur u filwaqt li Juliette Camenzuli ressqet Risposta u Risposta Ulterjuri ghat-talba tal-Bank Rikorrent, Mario Camenzuli baqa’ ma ressaq ebda Risposta ghall-istess;

Rat ir-Risposta ta’ Juliette Camenzuli pprezentata fis-7 ta’ Dicembru 2011 permezz ta’ liema tiddikjara li: (i) il-Bank Rikorrent ghandu jaghti dettalji shah u ezawrjenti dwar il-hlasijiet li gew effettwati mill-intimati jew min minnhom akkont tad-debitu rizultanti mill-kuntratt mertu ta’ dawn il-proceduri u dana sabiex ma jigix miksub dritt ta’ ezekuzzjoni fuq il-porzjoni tad-debitu già saldat; u li (ii) l-Bank Rikorrent ghandu jispjega l-htiega ta’ dawn il-proceduri appuntu fid-dawl ta’ dak dispost fl-Artikolu tal-Ligi citat mill-Bank stess;

Rat ir-Risposta Ulterjuri ta’ Juliette Camenzuli pprezentata fit-23 ta’ Marzu 2012 permezz ta’ liema teccepixxi li t-talba tal-Bank Rikorrent ma tistax tigi milqugha fil-konfront taghha u t-titolu ezekuttiv tal-Bank ma jistax jigi esegwit kontriha stante li hija ma kenitx firmatarja ta’ l-att li tieghu l-Bank Rikorrent qed jitlob l-esekuzzjoni;
Rat ir-rendikont esebit mill-Bank Rikorrent permezz ta’ Nota pprezentata fit-22 ta’ Marzu 2012, markat Dok. “HSBCII”, u rat id-dokumenti esebiti mill-Bank Rikorrent permezz ta’ Nota pprezentata fis-17 ta’ Mejju 2012 markati Dok. “HSBC III” u Dok. “HSBCIV”;

Rat id-dikjarazzjoni tal-partijiet kontendenti registrata waqt is-seduta tal-11 ta’ Ottubru 2012 fis-sens illi l-intimati zzewgu fid-9 ta’ Awwissu 1986 u ghad li ma jghixux flimkien, il-kawza ta’ separazzjoni ghadha pendenti u ghalhekk il-komunjoni ta’ l-akkwisti ghadha vigenti bejniethom;

Semghet it-trattazzjoni orali parte tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-Bank Rikorrent jitlob li prevja kull dikjarazzjoni u provvediment opportun, il-Qorti tawtorizzah jghaddi ghall-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv nascenti mill-kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 6 ta' Awwissu 1993[1] ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li ghaddew izjed minn 3 snin mid-data ta' l-istess kuntratt u d-dejn dovut minn Mario Camenzuli u Juliette Camenzuli ghadu mhux kollu saldat. Ghat-talba tal-Bank Rikorrent irrispondiet biss l-intimata Juliette Camenzuli li bir-Risposta originali taghha ddikjarat li l-Bank Rikorrent ghandu jaghti dettalji shah u ezawrjenti dwar il-hlasijiet li gew effettwati mill-intimati jew min minnhom akkont tad-debitu rizultanti mill-kuntratt mertu ta' dawn il-proceduri u dana sabiex ma jigix miksub dritt ta' ezekuzzjoni fuq il-porzjoni tad-debitu già saldat u li l-Bank Rikorrent ghandu jispjega l-htiega ta' dawn il-proceduri appuntu fid-dawl ta' dak dispost fl-Artikolu tal-Ligi citat mill-Bank stess, u bir-Risposta Ulterjuri taghha eccepiet illi t-talba tal-Bank Rikorrent ma tistax tigi milqugha fil-konfront taghha u it-titolu ezekuttiv tal-Bank ma jistax jigi esegwit kontriha stante li hija ma kenitx firmatarja ta' l-att li tieghu l-Bank Rikorrent qed jitlob l-esekuzzjoni;

L-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u senjatament is-subparagrafu (c), fuq liema hija bbazata l-azzjoni odjerna, jipprovdi li *wara l-gheluq ta' tliet snin minn dak in-nhar li fih skont il-ligi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) ta' l-artikolu 253, jew rigward il-proceduri mehduin skont l-artikolu 166A seta' gie esegwit*[2]*, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut*. Minn dan il-provvediment johrog car li t-terminu ta' tlett snin previst fil-

[1] Dok. "HSBCI" anness mar-Rikors promotur.
[2] Sottolinear tal-Qorti.

Ligi huwa marbut mal-gurnata li fiha skont il-ligi t-titolu ezekuttiv in kwistjoni – f'dan il-kaz il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 6 ta' Awwissu 1993 skont l-Artikolu 253(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta – seta' jigi esegwit.

Ai termini ta' l-Artikolu 256 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta: (1) *Kull sentenza ohra definittiva illi ma jkunx fiha kondizzjonijiet sospensivi, u li tkun tikkundanna lid-debitur ghal hlas ta' somma likwida, jew biex jaghti jew jitlaq haga certa, jew biex jesegwixxi fatt jew obbligu partikolari, hija esegwibbli wara jumejn minn dak in-nhar li tinghata;* (2) *l-esekuzzjoni ta' kull titolu esekuttiv iehor ma tistax issir hlief wara jumejn ghall-anqas min-notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'att giudizzjarju*[3].

Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li kuntratt pubbliku li huwa titolu ezekuttiv ai termini ta' l-Artikolu 253(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa esegwibbli u b'hekk jista' jigi esegwit biss **wara jumejn ghall-anqas min-notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'att giudizzjarju**. B'hekk kuntrarjament ghal dak pretiz mill-Bank Rikorrent it-terminu ta' tlett snin previst fl-Artikolu 258(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jibda jiddekorri wara jumejn min-notifika ta' ittra ufficjali interpellatorja ai termini ta' l-Artikolu 256(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux mid-data tal-kuntratt innifsu.

Din l-osservazzjoni ssib konferma fis-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. v. John Dalli et, Rik. Nru. 2694/99** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' April 2002. F'dawk il-proceduri l-Bank talab li jigi awtorizzat jipprocedi ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li **mid-data ta' l-ittra ufficjali interpellatorja** pprezentata fil-konfront ta' l-intimati f'dawk il-proceduri ai termini ta' l-Artikolu 256 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta sad-data tal-prezentata ta' dawk l-istess proceduri, kien lahaq iddekorra t-terminu prefiss fil-Ligi ghall-esekuzzjoni tat-titolu in kwistjoni. F'dik is-sentenza l-Prim' Awla tal-Qorti Civili osservat illi *l-unika ezami li*

---

[3] Sottolinear tal-Qorti.

*ghandha taghmel l-istess Qorti ghall-akkoljiment ta' l-istess rikors huwa biss li tindaga u taccerta ruhha dwar l-esistenza ta' l-istess titolu ezekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-gurament ta' l-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn izjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti*[4]*, u wisq inqas li l-istess rikors jigi appuntat ghas-smigh. … Illi f'dawn il-proceduri ma hemm l-ebda dubju li dan ir-rikorrenti rnexxielu jaghmlu, peress li hemm l-ezistenza tat-titolu ezekuttiv skond l-Artikolu 253(b) tal-Kap.16* [recte: Kap.12] *konsistenti fil-kuntratt pubbliku datat 26 ta' Novembru 1987 … pubblikat min-Nutar Carmelo Mangion fejn l-istess intimat irrikonoxxa ruhu bhala veru cert u likwidu debitur verso s-socjetà attrici fl-ammont ta' Lm44,513.93,3 skond l-artikolu sitta (b) ta' l-istess kuntratt u l-imghax li kellu jiddekorri fuq l-istess ammont kien dak massimu permissibbli skond il-ligi, ikkalkolat skond 'recognised banking practice" u b'effett mill-21 ta' Settembru 1981; hemm ukoll l-ezistenza ta' l-ittra ufficjali datata 21 ta' Frar 1992 li rrendiet ezekuttiv l-istess kuntratt pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 256(2)*[5] *u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-awtorizzazzjoni rikjesta ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 ghandha tigi milqugha, anke ghaliex ma hemmx dubju li parti mill-istess kreditu jew somma kapitali ghadha dovuta kif jidher mir-rikors guramentat mill-P.L. Adrian Borg ghan-nom ta' l-istess rikorrenti prezentat fl-14 ta' Dicembru 1999.*

Mill-atti processwali u senjatament mid-dokument esebit mill-Bank Rikorrent markat Dok. "HSBCIII" jirrizulta li l-Bank rrenda l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 6 ta' Awwissu 1993 esegwibbli permezz ta' ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 256(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ipprezentata fil-25 ta' Marzu 2011 notifikata lill-intimati fid-9 ta' Gunju 2011. Ghalhekk dak il-kuntratt seta' jigi esegwit biss b'effett mill-**13 ta' Gunju 2011** – jumejn wara id-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali – u konsegwentement it-terminu ta' tlett snin previst fl-Artikolu

[4] Fil-fehma ta' din il-Qorti però xorta wahda jkun opportun li Rikors ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jigi effettivament notifikat lill-kontro-parti.
[5] Sottolinear tal-Qorti.

258(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta beda jiddekorri mit-13 ta’ Gunju 2011 u mhux mid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt.

Minn dan isegwi ghalhekk illi t-talba tal-Bank Rikorrent intavolata ai termini ta’ l-Artikolu 258(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta **fis-7 ta’ Settembru 2011**, ossia tlett xhur wara d-data meta l-kuntratt in kwistjoni sar esegwibbli, hija intempestiva u b’hekk ma tistax tigi milqugha.

Fid-dawl ta’ dan appena osservat il-Qorti ma hijiex ser tidhol fil-kwistjoni ulterjuri sollevata mill-intimata Juliette Camenzuli permezz tar-Risposta Ulterjuri ipprezentata fit-23 ta’ Marzu 2012.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tichad it-talba tal-Bank Rikorrent avvanzata bir-Rikors ipprezentat fis-7 ta’ Settembru 2011 in kwantu intempestiva. L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu esklussiv tal-Bank Rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------